MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 72/2011

**Ab**

**Vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi l-kontendenti zzewgu f'Malta permezz ta' rit civili nhar it-tnejn (2) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) (vide certifikat taz-zwieg hawn anness u market bhala Dok AW 1.

2. Illi mill-imsemmi zwieg il-kontendenti kellhom tifel minuri li twieled nhar id-dsatax (19) ta' Gunju tas-sena elfejn u sebgha (2007);

3. Illi l-intimat rrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti impossibbli, stante illi l-istess intimat huwa hati ta' adulterju, abbandun, eccessi, sevizzi, mohqrija, theddid u offizi ohra da parti tieghu fil-konfront tal-istess rikorrenti u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku tal-istess intimat;

4. Illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri Ismaiel illi l-kura u kustodja tieghu tigi fdata f'idejn l-omm ir-rikorrenti;

5. Illi r-rikorrenti giet debitament awtorizzata sabiex tipprocedi bl-istanti permezz tad-digriet appositu ta' dina l-Onorabbli Qorti (digriet numru 203/11 ) datat 7 ta' Frar 2011 hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. AW2';

6. Illi ghalhekk kellu jigi ntavolat dan ir-rikors guramentat.

Talbet ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna illi l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Wahiba u dana minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill intimat kif fuq spjegat;
2. Tafda f'idejn ir-rikorrenti l-kura u kustodja legal ital-minuri Ismaiel Wahiba;
3. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-intimat lir-rikorrent ghaliha u ghal binhom minuri filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tipprovdi dwar l-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja, filwaqt li tiddikjara li l-intimat iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand ir-rikorrenti;
4. Tiddikjara li l-intimat ddekada mid-drittijiet tieghu kontemplata fl-artikoli 48(1)(a), (b) u (d) tal-Kodici Civili;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwidha u taqsamha f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti bl-applikazzjoni ta' l-artikoli 48(1)(c)u 51 tal-Kodici Civili;
6. Tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja ta' l-intimat fuq l-istess att;
7. Tawtorizza lill-esponenti tirriverti ghal kunjomha xebba ossia Chircop;

Bl-ispejjez, kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tar-rikorrenti;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati li *in forza* taghha huma eccepew:

Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero` jirriservaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

Rat il-lista tax-xhieda tal-intimati;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet b'talba specifika ghall-manteniment kemm ghall-istess attrici kif ukoll ghall-minuri flimkien ma' talbiet ancillari ghal dawk ta' kawza ta' separazzjoni.

Il-Qorti tirrileva li permezz tan-nota ta' eccezzjonijiet taghhom il-kuraturi deputati appuntati sabiex jirrapprezentaw lill-intimat assenti ddikjaraw li m'humiex edotti mill-kaz u rriservaw li jipprezentaq risposta guramentata ulterjuri f'kaz li jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

**<u>VERZJONI RIKORRENTI</u>**

Ir-rikorrenti tghid li hija zzewget lill-intimat nhar it-8 ta' Dicembru 1991 u minn dan iz-zwieg twieldet il-minuri Annalise. Tghid li l-problemi ta' bejniethom bdew meta l-intimat ha hanut gewwa Marsaskala. Kien dahhal persuna tahdem mieghu u skond ir-rikorrenti, l-intimat kellu relazzjoni adultera ma' din il-mara ghaliex ir-rikorrenti kienet sabet diversi messaggi fuq il-*mobile* tieghu minghandu kif ukoll ghaliex bdiet taqbad lil zewgha f'hafna gideb, fosthom il-fatt li kien jghidilha li ser idum il-hanut filwaqt li kienet tinzel ticcekkja u ssib il-hanut maghluq. Tghid ukoll li hi stess kienet taghmillu l-ghassa u tarah ma' din it-terza persuna, tant li darba fost l-ohrajn ir-rikorrenti hebbet ghal din il-mara filwaqt li darba ohra, wara li rat lil zewgha jerfa' lit-tifel ta' din il-mara, r-rikorrenti bdiet tghajjarha u sussegwentement gew il-pulizija. Ir-rikorrenti tkompli ssemmi numru ta' episodji fejn qabdet lill-intimat ma' din il-mara tant li darba minnhom qaltlu biex jaghzel bejnha u bejn din il-mara. Kien f'dan il-mument li l-intimat qabad hwejgu u telaq ghand ommu.

Ir-rikorrenti ssemmi wkoll episodji ta' vjolenza u f'uhud minnhom ittiehdu passi wkoll kriminali izda sussegwentement ir-rikorrenti stess kienet tahfirlu.

**<u>Il-VERZJONI ATTRICI</u>**

L-attrici tghid li ltaqghet mal-intimat f'Bugibba u bdew johorgu flimkien ghaliex kienet tiehu gost bil-kumpanija tieghu. Dak iz-zmien hi kellha biss 16 –il sena filwaqt li l-intimat kellu 20 sena. Dwar din ir-relazzjoni, l-familjari taghha ma kienux kuntenti tant li l-attrici tghid li ommha pruvat tifthilha ghajnejha u missierha wkoll kien kontra din ir-relazzjoni kif kienu wkoll xi zijiet izda l-attrici ghamlet ta'

rasha. Minhabba dan id-dizgwid mal-familja taghha telqet mid-dar u marret tghix mal-intimat imma wara tlett ijiem, marret tghix ma' missierha (fuq insistenza tieghu) li kien ilu sseparat minn ma' ommha ghal diversi snin. Tghid li ghalkemm missierha kien kontra din ir-relazzjoni, halla d-decizjoni f'idejha bit-tama li tiftah ghajnejha u tinduna bl-izball taghha. Imbaghad fis-sena 2006 harget tqila b'tarbija tal-intimat u ovvjament ir-reazzjoni da parti tal-familja taghha ma kienitx wahda posittiva. Imbaghad, telqet mid-dar ta' missierha u bdiet tghix f'appartament vicin tieghu mal-intimat. Dak iz-zmien hi kienet tahdem bhala *waitress* filwaqt li l-intimat kien jahdem fil-kostruzzjoni billi jaghmel xoghol ta' kisi izda l-ispejjez kollha tal-hajja inkluza l-kirja kienet thallashom kollha l-attrici.

Minkejja li kellha seba' xhur tqala, l-intimat kien johrog tard bil-lejl u jhalliha d-dar wahedha. Skopriet ukoll li l-intimat kien qed jixrob u li kellu kuntatt ma' tfajla ohra ghaliex rat xi messaggi kif ukoll *video* fuq il-mobile tieghu. Wara li baqa' jichad dan kollu, l-attrici keccietu mid-dar. Qabel ma telaq, qabad il-*wire* tat-*television* u ta daqqa biha fuq zaqqha. Ftit taz-zmien qabel ma gie ccelebrat iz-zwieg ta' bejn il-partijet, l-intimat kien tkecca minn Malta fuq glieda ma' ragel Sirjan izda minhabba l-fatt li l-attrici kienet tqila bit-tarbija tieghu, rnexxilha tirranga biex jerga' jigi lura Malta. Fil-frattemp l-intimat kien qieghed iwieghdha li kien inbidel. F'dan ix-xenarju kollu l-partijiet izzewgu fis-sena 2008. Hadt mill-familjari taghha ma ried jattendi ghal din ic-cerimonja.

Wara z-zwieg is-sitwazzjoni gravat. Il-konvenut kompla jkollu relazzjoni ma' nisa ohra izda l-attrici baqghet tittama li s-sitwazzjoni ta' bejniethom kienet ser titranga. Darba fost l-ohrajn sabet ukoll zewg siringi fil-kcina u sabet kuccarina taht il-bank tal-kcina li kienu indikattivi li l-intimat kien qed imiss id-droga. Kif ikkonfrontatu dwarhom, il-konvenut qabad l-oggetti u telaq 'il barra. Il-persuna li kien qed jistennih barra ma dahalx ghandhom peress li l-intimat induna li issa l-attrici kienet skopriet li kien qieghed imiss mad-droga. Baqa' ghaddej bil-hajja ta' hrug minghajr ma jirritorna lura d-dar gieli anke ghal tlett ijiem. L-attrici

tirrakkonta wkoll episodju fejn l-intimat taha daqqa ta' harta u episodju fejn sfruzaha biex ikollhom relazzjoni intimata flimkien tant li ilwielha jdejha biex taccetta filwaqt li qallha "***lilek min iridek?***" (ara a fol 37 tal-process).

Rigward flus, l-attrici tghid li l-intimat ma kien jikkontribwixxi bl-ebda mod u li flusu kien jonfoqhom fuq il-hrug, id-droga u n-nisa. Qatt ma ghinha lanqas ghal dak li jirrigwarda l-minuri anzi kien jiehu l-flus taghha! Wara diversi bdil ta' residenza u wara li l-attrici hasset li ma setghetx tkompli tahdem hi biss, iddecidiet li tissepara minn mal-intimat imma dan tal-ahhar ma marx jiffirma l-kuntratt u wara xi jiem qalilha li kien qieghed l-Olanda. Minn dak iz-zmien 'l hawn, l-attrici qatt ma regghet ratu u l-unika kuntatt li ghandha mieghu huwa permezz tat-telephone meta jcempilha biex jheddidha. Ghalkemm l-attrici tghid li ghadha mbezza minnu, sabet il-kuragg sabiex tiftah din il-kawza ta' separazzjoni.

## IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM DIN IL-QORTI

Il-Qorti tirrileva li l-partijiet fl-ismijiet premessi zzewgu nhar it-2 ta' Gunju 2008 u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg esebit in atti a fol 4 tal-process. Permezz tan-nota guramentata taghha l-attrici tikkontendi li formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti m'hemm xejn u tghid li sa' fejn taf hi m'hemm l-ebda dejn lanqas. Tghid li ghas-separazzjoni *de quo* ghandu jinstab responsabbli l-intimat minhabba ragunijiet li huma unikament attribwibbli ghall-istess intimat, fosthom swat, theddid u abbandun fil-konfront taghha. Tghid ukoll li ghandha tigi fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri binhom filwaqt li l-intimat ikollu access b'supervizjoni u dan anke in vista tal-fatt li l-intimat assenti ilu ma jara lil ibnu sa' mis-sena 2010. L-attrici ssostni wkoll li l-intimat ghandu jhallas manteniment kemm ghaliha u kemm ghall-istess minuri *stante* li m'ghandhiex xoghol peress li tilfet l-impjieg taghha.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghar-rapport datat is-6 ta' Dicembru 2011 fejn l-attrici rrapportat li l-intimat kien heddidha b'hajjitha u li kien ser jisraq lit-tifel fost theddid iehor (ara a fol 31 tal-process) kif ukoll ghar-rapport tat-23

ta' Frar 2012 u li permezz tieghu l-attrici ghal darb'ohra rrapportat li l-intimat heddidha li kien ser jaqtalha rasha (ara a fol 33 tal-process).

Issir referenza wkoll ghax-xiehda ta' Frank Chircop, missier l-attrici li jghid li xejn ma kien ferhan bir-relazzjoni li kellha bintu mal-intimat. Maz-zmien induna li l-intimat mhux ragel responsabbli tant li generalment ma kienx jahdem. Jiddiskrivih bhala ragel vjolenti u ta' nuqqas ta' rispett lejn bintu. Ix-xhud jikkonferma li ma riedx jattendi ghaz-zwieg tal-partijiet ghaliex kien kontra dan l-istess zwieg pero' bhala rispett lejn bintu, prova jkellem lill-intimat biex jipprova jirranga izda kien kollu ta' xejn. Jghid ukoll li wara li harget tqila, l-intimat qallu li qatt ma ried tarbija u li assolutament ma kellu ebda interess f'din l-istess tarbija. Jghid ukoll li mhux l-ewwel darba li ra lill-intimat f'bars ma' nisa ohra meta kien diga' mizzewweg lil bintu. Darba fost l-ohrajn segwih u rah diehel fi blokk ta' appartamenti. Meta hareg ikkonfrontah ghaliex induna li l-intimat kien qed jara xi nisa ohra izda min-naha tieghu l-intimat indirizza lix-xhud bi kliem hazin u qallu biex ma jghid xejn lill-attrici. Jikkonferma li l-intimat ilu nieqes mill-gzejjer Maltin ghal madwar sena u nofs u jikkonferma wkoll li l-minuri Ismaiel Wahiba ma jonqsu xejn.

## DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI

Illi dwar l-ewwel talba, u cioe' dik relatata mat-talba ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Scicluna Maria Dolores Sive Doris Vs Scicluna Anthony**[1] fejn gie ritenut li "***Sabiex tintalab is-separazzjoni personali mhux mehtieg li jikkonkorru l-eccessi, is-sevizzji, it-theddid u l-ingurji gravi, izda kull wahda minn dawn ir-ragunijiet wahedha hija sufficjenti***" u zzid tghid li "***Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri…..Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima***".

[1] Deciza nhar is-27 ta' Novembru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Cit Nru 1715/2001)

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[2] u **Greengrass Hugh vs. Greengrass Lucia**[3] fejn gie ritenut li "***Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima***" u zzid tghid ukoll li "***Sabiex tigi promossa t-talba ghas-separazzjoni mhux mehtieg kumulu ta` kawzali, kull wahda mill-kawzali ta' sevizji, it-theddid u l-ingurji gravi hija sufficjenti sabiex jigu vjolati r-rigwardi tal-konvivenza konjugali***".

Il-Qorti hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-intimat irrenda ruhu hati ta' vjolenza fuq martu kif ukoll li huwa heddidha. Barra minn hekk, il-Qorti hija moralment konvinta wkoll li l-intimat irrenda ruhu hati ta' adulterju li huwa wkoll wiehed mill-elementi li jwassal ghal separazzjoni bejn il-partijiet.

In vista ta' tali gurisprudenza u minghajr ebda bzonn ta' ripetizzjoni zejda, il-Qorti taghmel referenza ghall-paragrafi citati aktar 'l isfel kif ukoll ghax-xhieda mressqa mir-rikorrenti u il-Qorti terga' tikkonferma li hija moralment konvinta li l-intimat irrenda ruhu hati tas-separazzjoni bejn il-partijiet minhabba t-theddid u l-vjolenza tieghu u fuq kollox minhabba l-adulterju kommess minnu u l-abbandun totali tal-familja tieghu u ghalhekk ma tara ebda raguni ghala l-ewwel talba tar-rikorrenti m'ghandhiex tigi milqugha;

**DWAR IT-TALBA TAL-KURA U L-KUSTODJA TAL-MINURI**

Il-Qorti tirrileva li t-talba ta' kura u kustodja ghandha tigi determinata u deciza skond il-principju tal-ahjar interessi tal-minuri. Il-Qorti hija moralment konvinta li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li jkun fdat ma' ommu ad eskluzjoni tal-

---

[2] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- **Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)**

[3] **Deciza nhar it- 2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 98/2002)**

intimat missieru li mieghu jidher li m'hemm ebda kuntatt. Il-Qorti taghmilha cara li minkejja l-passat tal-intimat, il-minuri xorta wahda ghandu d-dritt li jara lil missieru jekk kemm il-darba dan ikun possibbli u jekk jerga' jigi lura Malta u fuq kollox jekk f'dak iz-zmien, ikun ta' beneficcju ghall-istess minuri li jerga' jistabbilixxi kuntatt mal-missier. Pero' il-Qorti hija tal-fehma li jirrizulta li f'kaz li l-intimat jerga' jigi lura Malta, jista' jkun hemm biza li jitlaq bil-minuri. Tenut kont ta' dan il-fatt (hekk kif sostanzjat bir-rapporti maghmula mill-attrici) u tenut kont tal-fatt li l-minuri ilu ma jara lil missieru ghal zmien twil, huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li f'kaz li l-missier jitlob xi access, dan ghandu jsir taht is-sorveljanza tal-Agenzija Appogg sabiex l-interessi tal-minuri jigu salvagwardjati.

**DWAR IT-TALBA GHAL MANTENIMENT GHAR-RIKORRENTI**

L-attrici tiddikjara li prezentement tilfet l-impjieg taghha u konsegwentement m'hijiex tahdem. Il-Qorti m'ghandha ebda prova dwar l-introjtu tal-intimat *stante* li l-kuraturi deputati ma rnexxilhomx jistabbilixxu kuntatt mieghu u ghalhekk hija tal-fehma li l-attrici hija kapaci tahdem izda sakemm issib xoghol fuq bazi *full-time stante* li l-intimat huwa unikament responsabbli ghas-separazzjoni ta' bejn il-partijiet, ghandu jhallas is-somma ta' €200 fix-xahar bhala manteniment ghall-attrici, liema manteniment ghandu jibqa' percepit sakemm l-istess attrici ma tkunx qieghda tahdem.

**DWAR IT-TALBA GHALL-MANTENIMENT TAL-WILD**

Il-Qorti tirrileva li m'ghandha ebda prova dwar l-introjtu tal-partijiet *stante* li l-attrici tiddikjara li m'hijiex qed tahdem filwaqt li ma tezisti ebda informazzjoni dwar l-introju tal-intimat. Izda f'dan il-kuntest din il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Portelli Jennifer pro et noe vs. Portelli John**[4] u **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[5] fejn saret referenza ghal:

[4] Deciza nhar il-25 ta' Gunju 2003 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Gur 2668/1996)
[5] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- **Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)**

Artikolu 3 tal-Kap 16 li jipprovdi li :-

“***Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja***"

ghal artikolu 3B tal-Kap 16 li jistipula illi:

"***Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

u ghal artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 jinghad li:-

"***Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."***

Ghalhekk abbazi tal-premess, jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-ligi, li l-genituri ghandhom l-istess obbligi verso l-ulied taghhom, u ghalhekk it-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija ta' l-istess, aktar u aktar meta llum il-mizzewgin huma f'pozizzjoni ta' ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet u allura, anke skond l-artikolu 2 tal-Kap 16 "***jerfghu r-responsabilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom***."

Illi certament l-obbligi mnissla miz-zwieg, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-kazijiet ta' pendente lite, pero' l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa' bazikament l-istess dettat kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kap, u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, u fl-interess ta' l-istess minuri.

Illi huwa ovvju li kif ghandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wiehed mill-genituri, tvarja minn kaz ghal kaz, u hafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta' l-istess

minuri, pero' xorta jibqghu veljanti u skjetti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-genituri verso l-istess ulied, specjalment ghall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16, li ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u ghall-edukazzjoni taghhom u skond il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi, kkalkulati ai termini tas-sub-artikoli ta' l-istess artikolu 20. Illi dan apparti l-obbligi tal-kontendenti li jmantnu lil xulxin skond id-dettami tal-ligi, u skond il-kalkoli hemm indikati.

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu ghall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri izda huwa obbligu assolut. Fil-kaz odjern, jidher li l-intimat jinsab barra minn Malta b’dan li l-attrici m’ghandha ebda hjiel fejn qieghed u ghalhekk ser ikun ferm difficli ghaliha li tezegwixxi kontra l-intimat ghan-nuqqasijiet tieghu, ghall-anqas prezentement pero’ dan ma jzomm bl-ebda mod lil din il-Qorti sabiex tordna u tiddikjara li l-intimat ghandu jhallas manteniment ta’ €250 fix-xahar bhala manteniment ghal ibnu, liema manteniment jinkorpora fih l-ispejjez tal-edukazzjoni u s-sahha tal-istess minuri. F’kaz li dan ikun possibbli ghall-attrici, tali manteniment ghandu jithallas b’mod awtomatiku mill-paga tal-istess intimat f’kont bankarju indikat mill-attrici u ghandu jibqa’ jithallas sa’ meta l-minuri jghlaq l-eta’ ta’ 18 –il sena. Sussegwentement u f’kaz li l-minuri jkun ghadu jistudja fuq bazi *full-time* allura tali manteniment ghandu jibqa’ jithallas sakemm il-minuri jaghlaq l-eta’ ta’ 23 sena.

## DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 48 ET SEQ KONTRA L-INTIMAT

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -
(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;

(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;
(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda millpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Greengrass Hugh vs. Greengrass Lucia** deciza fit- 2 ta' Ottubru 2003[6] fejn ghamlet referenza ghal Artikolu 51 tal-Kodici Civili li jiddisponi li:-

"***Il-firda li ssir minhabba xi wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikolu 40*** [u cioe' eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment]***, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-Qorti jidhrilha li, taht ic-cirkostanzi tal-kaz, ghandhom jghoddu, f'kollox jew f'bicca, id-dispozizzjonijiet ta' dak l-artikolu." L-effetti kontemplati mill-artikolu fuq citat ghandhom japplikaw biss f'kaz fejn iz-zwieg ikun tfarrak bi htija preponderanti ta' xi hadd mill-mizzewgin***".

Il-Qorti, kif diga' kellha l-opportunita' li tiddikjara, hija moralment konvinta sal-grad rikjest mil-ligi li l-firda bejn il-partijiet hija unikament imputabbli lill-intimat u ghaldaqstant ma tara ebda raguni ghala m'ghandhiex tapplika l-istess fil-konfront tal-intimat.

---

[6] Rik Ġur Nru 98/2002

**DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Il-Qorti tirrileva li fil-mori tal-kawza gie dikjarat mill-attrici li formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ma jezisti xejn. Fid-dawl ta’ tali dikjarazzjoni, il-Qorti mhix f’posizzjoni li tassenja ebda assi lil xi wahda mill-partijiet.

**DECIDE**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa’ l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija unika tal-intimat;

[2] Tilqa’ it-tieni talba u tafda il-kura u l-kustodja tal-minuri Ismaiel esklussivament f’idejn l-attrici;

[3] Tilqa’ t-tielet talba fis-sens li tiffissa u tordna lill-intimat ihallas is-somma ta’ €200 fix-xahar bhala manteniment ghar-rikorrenti, liema manteniment ghandu jithallas lir-rikorrenti kull l-ahhar tax-xahar u tiffissa u tordna lill-intimat ihallas lill-attrici l-ammont ta’ €250 fix-xahar bhala manteniment ghal ibnu Ismaiel, liema manteniment ghandu jithallas kull l-ahhar tax-xahar permezz ta’ standing order f’kont bankarju indikat mill-attrici dejjem jekk dan ikun possibbli. Tali manteniment jizdied kull sentejn skond l-indici tal-hajja. *Stante* li l-intimat iddekada mid-dritt tieghu ta’ manteniment, l-ebda manteniment ma jista’ jkun dovut favurih da parti tal-attrici;

[4] Tichad ir-raba’ talba;

[5] Tilqa’ l-hames talba izda tastjeni milli tillikwida l-istess u taqsamha f’zewg porzjonijiet;

[6] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba;

[7] Tilqa’ s-seba’ talba.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------